# Ittestjar tal-COVID-19

## Meta għandi nagħmel test tal-COVID-19?



- Meta jkollok sintomi tal-COVID-19
- Meta tkun f'riskju ogħla ta' mard sever u reċentement ġejt espost ma' xi ħadd bil-COVID-19
- Meta int stess tkun kuntatt fid-dar jew kont espost għal riskju għoli jew moderat ma' xi ħadd bil-COVID-19.

## Min hu f'riskju ogħla ta' mard sever?

- Nies minn 60 sena jew aktar
- Nisa tqal
- Nies Aboriġini, mill-Gżejjer tal-Istrett ta' Torres u l-Gżejjer tal-Paċifiku (mill-età ta' 35 sena 'l fuq)
- Nies b'obeżità, dijabete, mard kardjovaskulari serju, mard kroniku tal-pulmun *(inkluża ażżma severa li kienet teħtieġ dħul fl-isptar f'dan l-aħħar 12-il xahar)*, mard kroniku sever tal-fwied jew tal-kliewi, kanċer attiv jew min għandhu immunità dgħajfa
- Xi nies b'diżabilità inklużi dawk b'diżabilità li taffettwa l-pulmun, il-qalb jew is-sistema immunitarja tagħhom
- Residenti ta' faċilitajiet għall-kura tal-anzjani u għall-kura tad-diżabilità
- Nies minn 18-il sena jew akbar li mhumiex imlaqqma

## Liema test tal-COVID-19 għandi nagħmel?



Hemm **żewġ testijiet differenti** li tista' tagħmel biex tivverifika jekk għandekx COVID-19. **Test rapidu tal-antiġen** (RAT) li tista' tagħmel lilek innifsek u **test tal-PCR** (swob tal-imnieħer u tal-griżmejn) li jsir fi klinika tal-ittestjar

- **Jekk inti f'riskju ogħla ta' mard sever** għandek tagħmel **test tal-PCR**. Jekk ma tistax tikseb riżultat tat-test tal-PCR malajr, agħmel test rapidu tal-antiġen (jekk għandek wieħed) waqt li tistenna r-riżultat tat-test tal-PCR.
- Jekk m'intix f'riskju ogħla ta' mard sever, agħmel test rapidu tal-antiġen sakemm it-tabib tiegħek ma jgħidlekx biex tagħmel test tal-PCR.

## X'nagħmel jekk nittestja pożittiv għall-COVID-19?




- Jekk għandek riżultat **pożittiv** tat-test tal-**PCR**, anki jekk m'għandekx sintomi, għandek il-COVID-19. Trid issegwi l-parir għal nies li jkunu pożittivi għal COVID-19 u li jimmaniġġjaw il-COVID-19 b'mod sigur fid-dar.
- Jekk għandek test ta' antiġenu rapidu pożittiv **irreġistra r-riżultat mas-Service NSW** u segwi l-parir għal nies li jittestjaw pożittivi għall-COVID-19 u jimmaniġġjaw il-COVID-19 b'mod sigur id-dar.

Jekk għandek xi tħassib dwar is-saħħa u teħtieġ appoġġ lingwistiku, ċempel **TIS 131 450** u staqsi għal Health Direct fuq Tel. **1800 022 222**.


© NSW Health June 2022.